

32004L0014

30.1.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 27/48

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2004/14/KE

tad-29 ta' Jannar 2004

li temenda d-Direttiva 93/10/KEE li għandha x'taqsam ma' materjali u oġġetti magħmula minn film taċ-ċellulożi riġenerat maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/109/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel ⁽¹⁾, kif emendata mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkonsultaw mal-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 93/10/KEE tal-15 ta' Marzu 1993 li għandha x'taqsam ma' materjali u oġġetti magħmula minn *film* taċ-ċellulożi riġenerat maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel ⁽³⁾, kif emendata mid-Direttiva 93/111/KE ⁽⁴⁾, tapplika għal *film* taċ-ċellulożi riġenerat u tistabbilixxi lista ta' sustanzi awtorizzati flimkien ma' restrizzjonijiet fuq l-użu tagħhom. Dik id-Direttiva tkopri *film*-ijiet taċ-ċellulożi riġenerati mhux miksiya jew miksiya b'kisi fabbrikat biss ma' sustanzi mniżżla fiha.
- (2) Minbarra żviluppi teknoloġiċi, huwa meħtieġ li jiġi awtorizzat tip ġdid ta' *film* taċ-ċellulożi riġenerat b'kisi li jikkonsisti minn plastik, li huwa kompostibbli u bijodegradabbli. Dan it-tip ġdid ta' *film* taċ-ċellulożi riġenerat huwa konsistenti mal-ħtiġijiet ambjentali tad-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 1994 dwar pakkeġġjar u skart tal-pakkeġġjar ⁽⁵⁾, kif emendata mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003. Għal din ir-raġuni, din l-awtorizzazzjoni hija fl-interess ta' konsistenza ta' leġislazzjoni Komunitarja.
- (3) Ir-regoli li jridu jiġu applikati għall-*film*-ijiet taċ-ċellulożi riġenerati għandhom ikunu speċifiċi għan-natura tas-saff f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel. Għal din ir-raġuni, il-ħtiġijiet għal *film*-ijiet taċ-ċellulożi riġenerati miksiya b'kisi li jikkonsisti mill-plastik għandhom ikunu differenti minn dawk provvduti għal *film*-ijiet taċ-ċellulożi riġenerati mhux miksiya jew miksiya b'kisi derivati miċ-ċellulożi.

(4) Sustanzi awtorizzati biss għandhom jintużaw fil-fabbrikazzjoni tat-tipi kollha ta' *film*-ijiet taċ-ċellulożi riġenerati, inkluż *film*-ijiet taċ-ċellulożi riġenerati miksiya bil-plastik.

(5) Fil-każ ta' *film*-ijiet taċ-ċellulożi riġenerati miksiya b'kisi li jikkonsisti mill-plastik, is-saff fil-kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel jikkonsisti minn materjali u oġġetti simili għall-materjali tal-plastik maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel. Għalhekk huwa xieraq li r-regoli provvduti fid-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/72/KE tas-6 ta' Awissu 2002 li għandhom x'jaqsmu ma' materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel ⁽⁶⁾ għandhom ikunu applikabbli wkoll għal dawn il-*film*-ijiet.

(6) Fl-interess ta' konsistenza ta' leġislazzjoni Komunitarja, il-verifika ta' konformita ta' *film*-ijiet taċ-ċellulożi riġenerati miksiya bil-plastik mal-limiti ta' migrazzjoni mfassla mid-Direttiva 2002/72/KE għandha titwettag skond ir-regoli preskritti fid-Direttiva tal-Kunsill 82/711/KEE tat-18 ta' Ottubru 1982 li tippreskrivi r-regoli bażiċi meħtieġa għat-testjar tal-migrazzjoni tal-kostitwenti ta' materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel ⁽⁷⁾, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 97/48/KE ⁽⁸⁾, u d-Direttiva tal-Kunsill 85/572/KEE tad-19 ta' Diċembru 1985 li tippreskrivi l-lista ta' simulanti li jridu jintużaw għat-testjar ta' migrazzjoni ta' kostitwenti ta' materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel ⁽⁹⁾.

(7) Numru ta' polimeri wżati bħala kisi għandhom jitħassru mill-lista ta' sustanzi awtorizzati kif dikjarati fid-Direttiva 93/10/KEE billi huma koperti mir-regoli dikjarati fid-Direttiva 2002/72/KE li jgħoddu għal *film*-ijiet taċ-ċellulożi riġenerati miksiya bil-plastik.

(8) Erba' solventi għandhom jitħassru wkoll mill-lista ta' sustanzi awtorizzati dikjarati fid-Direttiva 93/10/KEE billi fatti magħrufa (*data*) ġodda huma disponibbli li juru riskju għar-riproduzzjoni u minħabba li m'għadhomx jintużaw fil-fabbrikazzjoni ta' *film*-ijiet taċ-ċellulożi riġenerati. B'żieda ma' dan, xi plastiċizzaturi, li m'għadhomx jintużaw, għandhom jitħassru wkoll minn dik il-lista.

⁽¹⁾ ĠU L 40, tal-11.2.1989, p. 38.

⁽²⁾ ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 93, tas-17.4.1993, p. 27.

⁽⁴⁾ ĠU L 310, ta' l-14.12.1993, p. 41.

⁽⁵⁾ ĠU L 365, tal-31.12.1994, p. 10.

⁽⁶⁾ ĠU L 220, tal-15.8.2002, p. 18.

⁽⁷⁾ ĠU L 297, tat-23.10.1982, p. 26.

⁽⁸⁾ ĠU L 222, tat-12.8.1997, p. 10.

⁽⁹⁾ ĠU L 372, tal-31.12.1985, p. 14.

- (9) B'żieda ma' dan, ir-restrizzjoni fuq l-użu ta' 2-ethylhexyl diphenyl phosphate (sinonimu: phosphoric acid diphenyl 2-ethylhexyl ester) dikjarata fid-Direttiva 93/10/KEE għandha tiġi emendata biex titqies l-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel tad-19 ta' Marzu 1998.
- (10) Id-Direttiva 93/10/KEE għandha għalhekk tiġi emendata kif xieraq.
- (11) Il-miżuri provduti f'din id-Direttiva huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali,

tanzi jew gruppi ta' sustanzi mniżżla fl-Annexi II sa VI mad-Direttiva 2002/72/KE, bla ħsara għar-restrizzjonijiet dikjarati fih.

3. Mingħajr preġudizzju għal paragrafu 1, materjali u oġġetti magħmula minn film taċ-ċellulożi reġenerat riferiti fl-Artikolu 1 a(ċ) għandhom jikkonformaw ma' l-Artikoli 2, 7 u 8 tad-Direttiva 2002/72/KE."

5. L-Anness II jiġi emendat b'mod konformi ma' l-Anness ma' din id-Direttiva.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 93/10/KEE hija emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 1(3), jitħassar punt (a).
2. Jiddaħħal l-Artikolu 1a li ġej:

"L-Artikolu 1a

Il-film-ijiet taċ-ċellulożi reġenerati riferiti fl-Artikolu 1(2) għandhom jappartjenu għal wieħed minn dawn it-tipi li ġejjin:

- (a) film taċ-ċellulożi reġenerat mhux miksi;
 - (b) film taċ-ċellulożi reġenerat miksi bil-kisi derivat miċ-ċellulożi;
jew
 - (ċ) film taċ-ċellulożi reġenerat miksi bil-kisi li jikkonsisti mill-plastik."
3. L-Artikolu 2(1) jiġi mibdul b'dan li ġej:
"1. Film-ijiet taċ-ċellulożi reġenerati riferiti fpunti (a) u (b) ta' l-Artikolu 1a għandhom jiġu fabbrikati biss permezz ta' sustanzi jew gruppi ta' sustanzi mniżżla fl-Annexi II bla ħsara għar-restrizzjonijiet dikjarati fih."

4. Jiddaħħal l-Artikolu 2a li ġej:

"L-Artikolu 2a

1. Film-ijiet taċ-ċellulożi reġenerati riferiti fl-Artikolu 1a (ċ) għandhom jiġu fabbrikati biss, qabel il-kisi, permezz ta' sustanzi jew gruppi ta' sustanzi mniżżla fl-ewwel parti ta' l-Anness II, bla ħsara għar-restrizzjonijiet dikjarati fih.
2. Il-kisi li jrid jiġi applikat lill film taċ-ċellulożi reġenerat riferit fil-paragrafu 1 għandu jiġi fabbrikat biss permezz ta' sus-

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux iktar tard mid-29 ta' Lulju 2005. Għandhom jikkomunikaw fil-pront lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' correlazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

L-Istati Membri għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet b'tali mod illi:

- (a) jippermettu l-kummerċ u l-użu ta' film taċ-ċellulożi reġenerat li huwa maħsub sabiex jiġi f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel li jikkonformaw ma' din id-Direttiva, mid-29 ta' Lulju 2005;
- (b) jipprojbixxu l-fabbrikazzjoni u l-importazzjoni fil-Komunità ta' film taċ-ċellulożi reġenerat li huwa maħsub sabiex jiġi f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel u li ma jikkonformax mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva mid-29 ta' Jannar 2006. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkollhom riferenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-riferenza fl-okkazzjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-istati membri għandhom jistabbilixxu kif trid issir din ir-riferenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewliena tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fid-29 ta' Jannar 2004.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membre tal-Kummissjoni

L-ANNESS

It-tieni parti ta' l-Anness II mad-Direttiva 93/10/KEE tiġi emendata kif ġej:

1. Fit-tielet linja (Ċ. Kisi) tat-tieni kolonna (Restrizzjonijiet) tat-tabella:
"Mhux aktar minn 50 mg ta' kisi/dm² ta' film fuq in-naħa f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel" jitħassar.

2. Il-polimeri li ġejjin u r-restrizzjonijiet tagħhom jitħassru mit-tabella:

Denominazzjonijiet	Restrizzjonijiet
<p>— Polimeri, kopolimeri u t-taħlitiet tagħhom magħmula ma' dawn il-monomeri li ġejjin:</p> <p>vinil <i>acetals</i> derivati minn aldeidi saturati (C1 sa C6)</p> <p>aċetat tal-vinil</p> <p>alkyl (C1 sa C4) eteri tal-vinil</p> <p>aċidi akriliċi, <i>crotonic</i>, <i>itaconic</i>, <i>maleic</i>, metakrilici u l-esteri tagħhom</p> <p><i>butadiene</i></p> <p>sirene</p> <p>metilstirene</p> <p>klorur tal-<i>vinylidene</i></p> <p>acrylonitrile</p> <p>methacrylonitrile</p> <p>etilene, propilene, 1 –u 2- butilene</p> <p>klorur tal-vinil</p>	<p>Bi qbil mad-direttivi tal-Komunità u, fl-assenza tagħhom, ma' leġislazzjoni nazzjonali sakemm issir l-adozzjoni ta' direttivi tal-Komunità.</p> <p>Skond id-Direttiva 78/142/KEE (ĠU L 44, tal-15.2.1978, p. 15)"</p>

3. Għal reżini, il-kontenut tal-kolonna "Restrizzjonijiet" tat-tabella jinbidel b'dan li ġej:

"2. Reżini	Il-kwantita totali ta' sustanzi ma tistax taqbeż 12,5 mg/dm ² tal-kisi fuq in-naħa f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel u biss għat-tħejjija ta' <i>film</i> -ijiet taċ-ċellulożi reġenerati b'kisi bil-bażi ta' nitrat taċ-ċellulożi"
------------	---

4. Il-plasticizzaturi li ġejjin u r-restrizzjonijiet tagħhom jitħassru mit-tabella:

Denominazzjonijiet	Restrizzjonijiet
— Butylbenzylphthalate	Mhux aktar minn 2,0 mg/dm ² tal-kisi fuq in-naħa f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel
— Di-n-butyl phthalate	Mhux aktar minn 3,0 mg/dm ² tal-kisi fuq in-naħa f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel"
— Di(2-ethylhexyl) sebacate (= dioctylsebacate)	

5. Għall-plasticizzatur li ġej, il-kontenut tal-kolonna "Restrizzjonijiet" tat-tabella jinbidel b'dan li ġej:

Denominazzjonijiet	Restrizzjonijiet
— 2-ethylhexyl diphenyl phosphate (sinonimu: phosphoric acid diphenyl 2-ethylhexyl ester)	<p>L-ammont ta' 2-ethylhexyl diphenyl phosphate m'għandux jaqbeż.</p> <p>(a) 2,4 mg/kg ta' l-oġġetti ta' l-ikel f'kuntatt ma' dan it-tip ta' film, jew</p> <p>(b) 0.4 mg/dm² fil-kisi fuq in-naħa f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel"</p>

6. Is-solventi li ġejjin jitħassru mit-tabella:

Denominazzjonijiet	Restrizzjonijiet
“— Ethyleneglycol monoethyl ether — Ethyleneglycol monoethyl ether acetate — Ethyleneglycol monomethyl ether — Ethyleneglycol monomethyl ether acetate”	